# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ħal Balzan

## IT-TMIEN LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 49

Data tal-laqgħa: 21 ta` Mejju 2018

Il-Kunsilli Lokali Ħal Balzan ltaqa` fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz 7/9, Triq Dun Spir Sammut, Ħal Balzan, fl-4.00 ta` filgħaxija.

### PREŻENTI:

Nutar Ian Spiteri – Sindku
Andre` Grech – Viċi Sindku (wasal fl-4.05pm)
Desmond Zammit Marmara` – Kunsillier
Joe Galea – Kunsillier

### ASSENTI b`APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):

Daniel Muscat – Kunsillier

### ASSENTI:

Ma kien hemm ebda membru assenti.

### UFFIĊJAL PREŻENTI:

Doriette Farrugia – Segretarju Eżekuttiv (SE)

# Minuti

Is-Sindku in-Nut. Ian Spiteri ippresjeda l-laqgħa.

## 49.1 Qari tal-ittri ta` apoloġiji

49.1.1 Is-SE qrat l-ittra ta` apoloġija tal-Kunsillier Daniel Muscat li talab li jkun skużat peress li jinsab ma jiflaħx. Il-Kunsilliera preżenti aċċettaw l-ittra ta` apoloġija.

## 49.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti tal-Laqgħa Numru 47 u ta` Laqgħa Urġenti Numru 48

49.2.1 Fuq il-mejda tal-Kunsill tqiegħdu l-Minuti tas-Sebgħa u Erbgħin Laqgħa u tat-Tmienja u Erbgħin Laqgħa Urġenti. Kopja tal-minuti ngħatat lil kull kunsillier qabel il-laqgħa.

49.2.2 Is-Sindku staqsa jekk hemmx xi korrezzjoni tal-minuti. Il-minuti kienu approvati unanimament.

## 49.3 Punti li joħorġu mill-Minuti

49.3.1 Para 48.2 – *One-Way System* fi Triq Ġuże Bonnici u t-toroq tal-madwar
Is-SE infurmat lill-Kunsill li Transport Malta ma jsibu l-ebda oġġezzjoni li din is-sistema tiġi implimentata b'mod permanenti, la r-residenti laqgħu din is-sistema.

49.3.2 Is-SE infurmat lill-Kunsill li dalgħodu waslet petizzjoni mibgħuta minn Dr Mattia Felice (residenti fi Triq l-Annunzjata) f`isem diversi residenti li qed joġġezzjonaw għal din id-deċiżjoni. Il-petizzjoni ġiet mibgħuta lill-Transport Malta u lill-Hon. Dr Ian Borg, Ministru għat-Trasport, Infrastruttura u Proġetti Kapitali.

F`dan il-ħin (4.05pm) daħal il-Viċi Sindku Andre` Grech għall-laqgħa.

49.3.3 Punt kruċjali mqajjem fil-petizzjoni huwa li l-proċedura li ġiet adottata mill-Kunsill, ma jissottomettix l-ilment mal-Kunsill, ikun meqjus li hu favur din is-sistema, mhix legalment korretta.

49.3.4 Din il-petizzjoni se tiġi diskussa fid-dettal fil-laqgħa li jmiss peress li waslet dalgħodu u ma kienx hemm ċans li tinqara fid-dettall. Sadanittant, se jiġu vverifikati l-firem u jiġi mqabbla mar-Reġistru Elettorali, kif ukoll ser nieħdu parir legali biex jiġi kkonfermat jekk il-proċedura li ġiet adottata mill-Kunsill hix legalment korretta jew le.

## 49.4 Komunikazzjoni mis-Sindku

49.4.1 Statwa ta` Santa Marija
Is-Sindku semma li l-istat ħażin li tinsab fih l-istatwa ta` Santa Marija u qal li din ser tintilef jekk ma jsirx restawr tagħha. Is-Sindku qed jissuġġerixxi li nġibu xi kwotazzjonijiet għar-restawr professjonali ta` din l-istatwa.

49.4.2 Tabelli tan-*No Parking* għal tiġijiet jew funerali
Is-Sindku ressaq proposta li tagħti d-dritt lir-residenti sabiex jirriżervaw sa massimu ta` 3 *parking bays* fi Triq l-Annunzjata (quddiem il-Każin) f`każ ta` tiġijiet jew funerali basta xi wieħed mill-koppja li se tiżżewweġ jew il-mejjet / mejta tkun residenti f`Ħal Balzan bl-istess tariffa ta` €1.00c għal kull *parking bay.* Il-Kunsill unanimament approva din il-proposta.

49.4.3.1 Proġett tal-Playing field
Is-Sindku tkellem dwar il-proġett ta` tisbieħ tal-*Playing field* u l-*Public Convenience*. Dan billi titwaqqa` l-*playing field* preżenti u jsiru *parking facilities* taħt, u jinbnew *playing field* u *public convenience*

akbar fil-livell ta` fuq. Minħabba nuqqas ta` fondi, dan il-proġett jista` jsir mid-*Development Planning Fund (DPF)*, kif ukoll billi napplikaw għall-fondi taħt l-iskema 'Sebbaħ il-Lokal'. Se tiġi esplorata l-possibilta` li ningħaqdu mal-privat sabiex il-parkeġġ jiġi mibni u mmaniġjat mill-privat stess b`xi tip ta` ftehim. Kien hemm qbil unanimu għal dan il-proġett.

49.4.3.2 Is-SE qalet li fil-jiem li ġejjin ser toħroġ is-sejħa għas-servizzi ta` Perit. Kif jiġi konkluż il-proċess u jiġi ffirmat il-kuntratt mal-Perit li jiġi magħżul, il-Kunsill ikun jista` jibda d-diskussjonijiet mal-Perit biex jiġu preparati l-pjanti.

## 49.5 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsilliera

49.5.1 Ma kienx hemm mistoqsijiet tal-Kunsilliera.

## 49.6 L-Ittra ta` Direzzjoni 2017 u r-Risposta tal-Kunsill

49.6.1 Is-SE qiegħdet fuq il-mejda tal-Kunsill l-Ittra ta` Direzzjoni li ġġib id-data tad-19 ta` April 2018 u r-risposta ssuġġerita tal-Kunsill li ġġib id-data tal-21 ta` Mejju 2018 (mehmuża). Kopja ta` dawn ingħatat lil kull kunsillier qabel il-laqgħa.

49.6.2 Il-Kunsill approva unanimament ir-risposta għall-Ittra ta` Direzzjoni u ġiet iffirmata mis-Sindku u mis-SE biex tkun tista` tintbagħat lid-Direttur tad-Dipartiment għall-Gvern Lokali, lill- Awditur Ġenerali u lill-Udituri tal-Gvern Lokali.

## 49.7 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni ta` Rapporti

49.7.1 <u>*Tender for the Collection of Bulky Refuse using environmentally friendly transportation services* – BLC 02/2018</u>
Fuq il-mejda tal-Kunsill tqiegħed ir-rapport kif ukoll il-Minuti tal-evalwazzjoni tat-*Tender for the Collection of Bulky Refuse using environmentally friendly transportation services* – BLC 02/2018. Kopja ta` dawn ingħatat lil kull kunsillier qabel il-laqgħa.

49.7.2 Il-Kumitat tal-Evalwazzjoni qed jirrakkomanda li l-offerta tal-persuna li tefgħet it-*tende*r ma tiġix aċċettata peress li taqbeż il-baġit stabbilit b`140.85% u li għandha terġa` tinħareġ sejħa ġdida.

49.7.3 Il-Kunsill laqa` r-rakkomandazzjoni tal-Kumitat u unanimament approva r-rapport u l-minuti. Is-SE infurmat lill-Kunsill li l-kuntratt preżenti jiskadi fil-31 ta` Lulju 2018 u minħabba l-urġenza qed tissuġġerixxi li s-sejħa toħroġ bi proċess aċċellerat li tippermetti limitu ta` 15 –il ġurnata (minnflok 30 ġurnata) żmien biex jiġu sottomessi l-offerti.

49.7.4 Is-SE qalet li wara li ċċekkjat ma` diversi Kunsilli, ġie nnutat li hemm bżonn li tiżdied l-allokazzjoni għal dan is-servizz. Qed jiġi ssuġġerit li minn €12,000 (VAT eskluż), il-baġit jitla` għal €14,000 (VAT eskluż), ibbażati fuq erba` (4) snin. L-*accountant* tal-parir li dawn l-ammonti jitnaqqsu mill-baġit tal-*Public & Office Utilities.* Il-Kunsill unanimament approva. Is-SE se tibda l-proċess biex terġa` toħroġ is-sejħa mill-ġdid li se jkollha r-referenza BLC 04/2018.

49.7.5 Il-Kumitat tal-Evalwazzjoni se jiġi maħtur fil-laqgħa li jmiss.

## 49.8 Talba għal ħlas mill-Perit relatati max-xogħlijiet tad-disinn u l-preparazzjoni ta` pjanti

49.8.1 Is-SE infurmat lill-Kunsill li l-Perit Anthony Bezzina ma setax jattendi minħabba impenji oħra. Il-Perit skuża ruħhu fl-assenzja tiegħu u se jkun preżenti fil-laqgħa li jmiss.

## 49.9 Applikazzjonijiet dwar kjoskijiet li jarmaw fil-festa

49.9.1 Fuq il-mejda tal-Kunsill tqiegħed il-file bl-applikazzjonijiet li rċieva l-Kunsill minn persuni li jixtiequ jarmaw kjoskijiet fil-festa u skeda bid-dettalji tal-applikazzjonijiet li rċevejna (mehmuża).

49.9.2 Is-SE infurmat lill-Kunsill li l-applikant li kienet abbinata miegħu Posta Nru. 25, ilu ma jiġi japplika minn 2014. Hu ġie nfurmat li jekk din is-sena ma jiġix japplika, ser jitlef il-post. L-applikant baqa` ma applikax u għalhekk Posta Nru 25 ser tingħata lis-Sur Reto J Wager li kien qiegħed l-ewwel wieħed fil-*waiting list*. Il-Kunsill unanimament approva l-applikazzjonijiet kollha.

## 49.10 Aċċess ta` vetturi minn Triq Ġulju Cauchi fil-ħinijiet ta` filgħodu

49.10.1 Il-Viċi Sindku Andre` Grech qal li hemm bżonn li l-Kunsill isib soluzzjoni biex jitnaqqsu l-karozzi li jgħaddu mill-qalba tar-raħal fil-ħinijiet tat-traffiku ta` filgħodu. Għalhekk, qed jissuġġerixxi li bejn is-7.00am u d-9.00am, jingħalaq l-aċċess ta` vetturi ta` nies mhux residenti f`Ħal Balzan minn Triq Ġulju Cauchi u min-naħa ta` Triq l-Għerusija. Il-Viċi Sindku qal li b`dan il-mod nevitaw nies li jgħaddu mill-qalba tar-raħal biex jevitaw it-traffiku ta` filgħodu.

49.10.2 Is-Sindku qal li biex tagħmel din is-sistema, irid isir xi tip ta` infurzar.

49.10.3 Kien hemm diskussjoni bejn il-Kunsilliera. Ġie nnutat li tagħmel x`tagħmel, ir-residenti se jgergru xorta. Il-Kunsill ma ħax deċiżjoni dwar dan is-suġġeriment. Din terġgħa tiġi diskussa wara li tittieħed deċiżjoni finali fuq il-petizzjoni li rċieva l-Kunsill dalgħodu fuq il-kwistjoni tal-*One-Way System* fi Triq Ġuże Bonnici u t-toroq tal-madwar.

## 49.11 Ilmenti u *Items* oħra ta` xogħol ieħor tal-Kunsill

49.11.1.1 <u>*Tender for the Professional Services of an Architect and Civil Engineer*</u>
Is-SE infurmat lill-Kunsill li ppreparat id-dokument għas-sejħa għall-offerti għas-servizzi ta` Perit. Kopja tad-dokument ingħata lil kull kunsillier qabel il-laqgħa.

49.11.1.2 Dan id-dokument ġie approvat unanimament mill-Kunsill. Is-SE se tibda l-proċess biex toħroġ is-sejħa għall-offerti.

49.11.1.3 Il-Kumitat tal-Evalwazzjoni se jiġi maħtur fil-laqgħa li jmiss.

49.11.2.1 <u>Kwotazzjonijiet għax-xiri ta` *outdoor litter* u *recycle bins*</u>
Is-SE infurmat lill-Kunsill li ġabet kwotazzjonijiet għax-xiri ta` *outdoor litter* u *recycle bins*. Il-Kunsill qabel li għalissa jiġu ordnati tliet (3) *recycle bins.* Dawn se jitpoġġew fil-pjazza, fejn iskola Primarja tal-Kulleġġ San Alwiġi u fuq il-bankina l-kbira ta` Wied ta` Ħal Balzan k/m Triq it-Tliet Knejjes.

49.11.2.2 Il-Kunsill unanimament qabel lir-*recycle bins* jiġu ordnati minn għand OPAL Malta għax kellu l-irħas prezzijiet. Se jiġi ċċekjat jekk minnflok il-kontenitur tal-metal/ħġieġ jistax isir kontenitur għal skart imħallat. Is-Sindku se jmur jara l-varjeta` offruta sabiex jiġi deċiż il-mudell li se jiġi ordnat.

49.11.3 <u>Bankina fi Triq il-Mitħna</u>
Ġie nnutat suġġeriment biex fi Triq il-Mitħna titkompla l-bankina tul it-triq kollha biex jitnaqqas il-periklu u jiġu evitati inċidenti. Il-Kunsill qabel li dan is-suġġeriment jinżamm pendenti sakemm tiġi deċiża l-applikazzjoni li hemm mal-*Planning Authority* biex titwaqqa` villa u jinbena *parking* privat fl-istess triq.

49.11.4 <u>*Traffic calming measures* fi Triq il-Qarċilla</u>
Is-SE infurmat lill-Kunsill li reġgħet kitbet it-residenta ta` Triq il-Qarċilla fejn qed turi d-diżżappunt tagħha għad-deċiżjoni tal-Kunsill. Ir-residenta qed tassigura li jekk tiġi nstallata *road hump*, mhux se jkun hemm ilmenti mir-residenti minħabba *noise pollution.* Il-Kunsillier Joe Galea ser jiltaqa` mar-residenta fuq il-post biex tispjega aħjar it-talba tagħha.

49.11.5 <u>Ċirkulari AKL 2018/05 – Taħriġ għall-Kunsilliera, membri tal-Kunsill u Segretarji fuq Evalwazzjoni ta` tenders fuq is-sistema ePPS</u>

Ġiet innutata Ċirkulari AKL 2018/05 – Taħriġ għall-Kunsilliera, membri tal-Kunsill u Segretarji fuq Evalwazzjoni ta` tenders fuq is-sistema ePPS.

49.11.6 <u>Sqaq Nru.1 fi Triq il-Providenza</u>

Ġiet innutata *email* mibgħuta minn resident, fejn qal li qabbad perit u avukat biex jivverifikaw l-pożizzjoni. Ir-resident qed jinsisti li Sqaq Nru. 1, Triq il-Providenza, huwa Sqaq pubbliku u mhux privat. Is-SE qalet li talbet lill-avukat tal-Kunsill sabiex tivverifika u qed tistenna risposta.

49.11.7 <u>Sebbaħ il-Lokal</u>

Ġiet innutata ittra mibgħuta mill-*Planning Authority* fejn qed tinfurma li l-Awtorita` nediet inizjattiva ġdida ta` €2.5 miljun bl-isem ta` Sebbaħ il-Lokal. Dawn il-fondi ser iservu biex Kunsilli Lokali jimplimentaw proġetti biex jiġu msebbħa spazji pubbliċi miftuħa fil-lokalita`. Kunsilli Lokali li sal-aħħar tas-sena 2017 kellhom inqas minn €100,000 allokati fi ħdan id-*Development Planning Fund (DPF)* huma eliġibli għal dan il-fond. Din tinkludi l-lokalita` ta` Ħal Balzan.

49.11.8 <u>*One-Way System* fi Triq il-Ferrovija l-Qadima</u>

Ġiet innutata *email* mibgħuta minn resident fejn qed jipproponi li Triq il-Ferrovija l-Qadima ssir *One-Way* jew li jitneħħa l-*parking* minn naħa waħda tat-triq. Din it-talba ser tiġi diskussa aktar il` quddiem.

49.11.9.1 <u>*National Car Sharing Project*</u>

Is-Sindku infurma lill-Kunsill bid-dettalji tal-laqgħa li kellhu dwar in-*National Car Sharing Project* bl-isem ta` *GoTo Malta.* F`din il-laqgħa, is-Sindku ġie nfurmat kif ser taħdem din is-sistema, fejn il-Kunsill ma kellu l-ebda deċiżjoni fiha. Fil-lokalita` ta` Ħal Balzan ġew allokati 4 stazzjonijiet u li 2 minnhom jinkludu *charging stations.*

49.11.9.2 Dawn jinsabu:

1. Ftit il`fuq minn Old Smugglers, Triq il-Kbira
2. Triq il-Ferrovija l-Qadima bejn Tirq il-Paguni u Triq il-Karenza
3. Triq Ġuże` Bonnici (fl-akwati tal-pjazza)
4. Wied ta` Ħal Balzan (viċin Cose Casa)

49.11.9.3 Il-Kunsill qabel li l-istazzjon ta` Triq Ġuże` Bonnici jiġi rilokat għal Wesgħa Profs Aquilina. Dan peress li fil-pjazza diġa` hemm *charging stations* b`2 postijiet riservati u minħabba l-problema ta` *parking* li hemm fil-qalba tar-raħal. Is-sit il-ġdid li qed jiġi propost xorta huwa viċin il-pjazza.

49.11.10 <u>*Accounting* u *Sage Line 50 Course*</u>

Ġiet innutata *email* mibgħuta mill-President tal-ANSEK fejn qed jistiednu s-SE u/jew *staff* li jaħdmu fuq *accounts / book-keeping* għal kors fuq *accounting* u *Sage Line 50* software. Dan il-kors huwa parzjalment sponsorjat mid-Dipartiment għall-Gvern Lokali u l-ANSEK. Il-Kunsill unanimament qabel li joħroġ l-ammont ta` €175 biex is-SE tattendi għal dan il-kors.

49.11.11 <u>Talba għal informazzjoni mill-Bord ta` Governanza</u>

Is-SE infurmat lill-Kunsill li l-Bord ta` Governanza qed jitlob għall-kummenti tal-Kunsill dwar il-każ rigward il-qtil ta` ħamiem bl-użu ta` *airguns* li seħħ f`Lulju 2016. Is-SE se tirrispondi bl-informazzjoni kollha.

49.11.12 <u>Talba għal *Communal Disabled Parking Bay* fi Triq Birbal</u>

Il-Viċi Sindku Andre` Grech qed jitlob li ssir *Communal Disabled Parking Bay* quddiem 79, Rosanne Flats, Triq Birbal. Il-Kunsill approva din it-talba u se ssir applikazzjoni ma` Transport Malta.

49.11.13 <u>PA/03172/18 – 239, Villa Moira, Triq in-Naxxar k/m Triq il-Wied ta` Ħal Balzan</u>

Ġiet innutata l-applikazzjoni għal żvilupp PA/03172/18 għat-twaqqiegħ ta` villa eżistenti u jinbena *parking* privat minnflok. Jekk din l-applikazzjoni tiġi approvata mill-*Planning Authority* ser jintilfu numru kbir ta` siġar mill-ġnien ta` din il-villa. Il-Kunsill innota liż-żmien biex tiġi ssottomessa rappreżentazzjoni għalaq għalhekk il-Kunsill qabel li niltaqgħu mas-sidien sabiex nippruvaw nilħqu xi tip ta` ftehim biex dan il-parkeġġ jibqa` miftuħ fil-ħinijiet kollha. Il-Viċi Sindku Andre` Grech qal li hu

xtaq ikun eskluż minn din il-kwistjoni peress li jaf lill-applikant.

## 49.12 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta` pagamenti

49.12.1 Fuq il-mejda tal-Kunsill tqiegħdet l-iskeda ta` pagamenti nru. 5/18 (mehmuża) li tammonta għas-somma ta` €19,254.70.

49.12.2 L-iskeda ta` ħlasijiet kienet proposta għall-approvazzjoni mill-Viċi Sindku Andre` Grech li kien issekondat mill-Kunsillier Desmond Zammit Marmara`. Il-Kunsill unanimament approva li jsiru l-ħlasijiet.

49.12.3 Is-SE infurmat lill-Kunsill li sid il-garaxx li qed jinkera mill-Kunsill biex jintuża bħala *store*, qed jaċċetta li jġedded il-kirja għal perjodu ta` sitt xhur (sal-aħħar tas-sena) bl-istess kundizzjonijiet iffirmati u bl-istess rata ta` €150 fix-xahar. Il-Kunsill unanimament approva li jġedded sal-aħħar tas-sena.

## 49.13 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss

49.13.1 Il-laqgħa ntemmet fis-6.15pm.

49.13.2 Il-laqgħa li jmiss se ssir nhar it-Tnejn, 18 ta` Ġunju 2018.

Konfermati, illum it-Tnejn, 18 ta` Ġunju 2018.

| | |
|---|---|
| IFFIRMATA | IFFIRMATA |
| Nut. Ian Spiteri<br>Sindku | Doriette Farrugia<br>Segretarju Eżekuttiv |